

32006R1916

L 365/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1916/2006**tat-18 ta' Diċembru 2006****li jiftaħ u jipprovdi għall-maniġment tal-kwoti tariffarji Komunitarji għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li jorġinaw fl-Albanija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1616/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 dwar ċerti proċeduri biex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, u biex jiġi applikat il-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Ġie ffirmat Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra² minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni', fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006. Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni qiegħed fil-proċess ta' ratifika.
- (2) Fit-12 ta' Ġunju 2006 il-Kunsill ikkonkluda Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija min-naħa l-oħra³, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim Temporanju'. L-għan tal-Ftehim Temporanju huwa li jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun id-dispożizzjonijiet tal-kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Ftehim Temporanju se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006..
- (3) Fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fil-Ftehim Temporanju ġie stabbilit li ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li jorġinaw mill-Albanija jistgħu jkunu importati

¹ ĠU L 300, 31.10.2006, p. 1..

² Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ ĠU L 239, 1.9.2006, p. 1.

- fil-Komunità, fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Komunità, b'rata ta' dazju mnaqqsa jew rata zero.
- (4) Il-kwoti tariffarji tal-Komunità stipulati fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fil-Ftehim Temporanju huma annwali u jkopru perjodu indeterminat. Huwa xieraq li tingħata l-opportunità għall-ftuħ u l-maniġment ta' dawn il-kwoti tariffarji.
 - (5) Jeħtieġ li jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 308a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta Lulju 1993 li jstipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁴, li s-sistema ta' maniġment għall-kwoti tariffarji stipulata fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tiġi applikata.
 - (6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-importaturi kollha tal-Komunità jkollhom aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti tariffarji u li r-rati stipulati għall-kwoti huma applikati mingħajr interruzzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti kkonċernati lejn l-Istati Membri kollha sakemm il-kwoti jintużaw kollha. Biex tiġi żgurata l-effiċjenza ta' amministrazzjoni komuni ta' dawn il-kwoti, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiġbdu mill-volumi tal-kwota l-kwantitajiet meħtieġa li jikkorrispondu mal-importazzjoni attwali. Il-maniġment għandu jitwettaq b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Din tal-aħħar għandha tkun tista' tissorvelja r-rata li biha jintużaw il-kwoti u tgħarraf lill-Istati Membri kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ħeffa u effiċjenza, il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha, sa fejn ikun possibbli, tiġi trażmessa elettronicament.
 - (7) Skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim Temporanju, il-kwoti tal-volumi għas-sena 2006 għandhom jiġu f'fissati fuq l-ammont sħiħ tal-volumi tal-kwota bażi stipulati fl-Anness III għal dawk il-Ftehimiet.
 - (8) Dan ir-Regolament għandu japplika mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Temporanju u għandu jibqa' japplika sa wara li jidhul fis-seħħ il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.
 - (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti li joriġinaw fl-Albanija u li huma elenkati fl-Anness li jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, għandhom igawdu minn rata ta' dazju mnaqqsa jew minn rata zero, fil-livelli u fi ħdan il-limiti tal-kwoti tariffarji annwali tal-Komunità speċifikati fl-Anness.

⁴ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35)

Dawn il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati minn provi tal-oriġini kif stipulat fil-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u tal-Ftehim Temporanju.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-importaturi ta' dawn il-prodotti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikollhom aċċess ugwali u mingħajr interruzzjoni għall-kwoti tariffarji sakemm il-bilanċ tal-volum tal-kwota rilevanti jippermetti.

Artikolu 2

1. Il-kwoti tariffarji msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. Il-komunikazzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu trażmessi, sa fejn ikun possibbli, elettronikament.

Artikolu 3

1. Il-volum tal-kwota tariffarja individwali għall-inċova ppreparata jew ippriżervata msemmija fl-Anness skont l-ordni Nru 09.1505 jista' jiżdied kull sena u għall-ewwel darba għall-2007 sakemm il-volum annwali tal-kwota jkun laħaq l-1 600 tunnellata jew jekk il-partijiet jaqblu li japplikaw arranġamenti oħra.

2. Iż-żieda annwali msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi applikata biss jekk intuża mill-inqas 80 % tal-volum miftuħ fis-snin ta' qabel.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies li ma għandux aktar minn valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn *ex* kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħudin flimkien.

ĦUT U PRODOTTI TAS-SAJD

| Nru tas-serje | Kodiċi tan-NM | subdiviżjoni tat-TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota | Ir-rata tad-dazju |
|---------------|--|--|---|--|-------------------|
| 09.1500 | 0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 10 15 0304 10 17 <i>ex</i> 0304 10 19 <i>ex</i> 0304 10 91 0304 20 15 0304 20 17 <i>ex</i> 0304 20 19 <i>ex</i> 0304 90 10 <i>ex</i> 0305 10 00 <i>ex</i> 0305 30 90 0305 49 45 <i>ex</i> 0305 59 80 <i>ex</i> 0305 69 80 | 40 10 50 11, 17, 40 10 50 61 61 | Trota (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chrysogaster</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, ikel u gerbub (pellets), tajbin għall-konsum mill-bniedem | Mill- [1 ta' Settembru 2006] sal- 31 ta' Diċembru 2006 : 50 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Diċembru 2007 u għall-kull sena wara dan: 50 tunnellata | Eżenti |
| 09.1501 | 0301 93 00 | | Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; | Mill- | Eżenti |

| Nru tas-serje | Kodiċi tan-NM | subdiviżjoni tat-TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota | Ir-rata tad-dazju |
|---------------|--|--|--|--|-------------------|
| | 0302 69 11 0303 79 11 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80 | 30 20 40 16 20 60 30 63 63 | imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, ikel u gerbub (pellets), tajbin għall-konsum mill-bniedem | [1 ta' Settembru 2006] sal- 31 ta' Diċembru 2006 : 20 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Diċembru 2007 u għal kull sena wara dan: 20 tunnellata | |
| 09.1502 | ex 0301 99 90 0302 69 61 0303 79 71 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 94 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80 | 80 80 77 50 82 30 70 40 65 65 | Pagru (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, ikel u gerbub (pellets), tajbin għall-konsum mill-bniedem | Mill- [1 ta' Settembru 2006] sal- 31 ta' Diċembru 2006 : 20 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Diċembru 2007 u għal kull sena wara dan: 20 tunnellata | Eżenti |
| 09.1503 | ex 0301 99 90 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 | 22 10 85 79 | Spnott (<i>Dicentrarchus labrax</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumigat; fletti u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, ikel u gerbub (pellets), tajbin għall-konsum mill-bniedem | Mill- [1 ta' Settembru 2006] sal- 31 ta' Diċembru 2006 : 20 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Diċembru 2007 u għal kull sena wara | Eżenti |

| Nru tas-serje | Kodiċi tan-NM | subdiviżjoni tat-TARIC | Deskrizzjoni | Volum tal-kwota | Ir-rata tad-dazju |
|---------------|--|------------------------|------------------------------------|---|-------------------|
| | <i>ex</i> 0304 20 94 | 60 | | dan: 20 tunnellata | |
| | <i>ex</i> 0304 90 97 | 84 | | | |
| | <i>ex</i> 0305 10 00 | 40 | | | |
| | <i>ex</i> 0305 30 90 | 80 | | | |
| | <i>ex</i> 0305 49 80 | 50 | | | |
| | <i>ex</i> 0305 59 80 | 67 | | | |
| | <i>ex</i> 0305 69 80 | 67 | | | |
| 09.1504 | 1604 13 11 1604 13 19 <i>ex</i> 1604 20 50 | 10, 19 | Sardin ippreparat jew ippreżervat | Mill-[1 ta' Settembru 2006] sal-31 ta' Diċembru 2006 : 100 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 u għal kull sena wara dan: 100 tunnellata | 6 % |
| 09.1505 | 1604 16 00 1604 20 40 | | Inċova ppreparata jew ippreżervata | Mill-[1 ta' Settembru 2006] sal-31 ta' Diċembru 2006 : 1 000 tunnellata mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 u għal kull sena wara dan: 1 000 tunnellata ⁵ | Eżenti |

5

Mill-1 ta' Jannar 2007 il-volum annwali tal-kwota tista' tiżdied b'200 tunnellata sakemm mill-inqas 80 % tal-kwota tas-sena ta' qabel intużat sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Dan il-mekkaniżmu għandu japplika sakemm il-volum annwali tal-kwota jkun laħaq l-1 600 tunnellata jew il-partijiet jaqblu li japplikaw arranġamenti oħra.